# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 14**

**Rik. Nru. 911/10JRM**

Carmel *sive* Charles **PARNIS**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU TA' MALTA** u b'digriet tal-5 ta' Lulju, 2013, l-isem ġie jaqra l-Onorevoli Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali; u l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fl-14 ta' Settembru, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (i) ssib li l-

eżerċizzju ta' promozzjonijiet li għamlet l-Armata mħarrka[1] kien wieħed abbużiv billi kien irraġonevoli u dan għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tordna lill-imħarrkin jew lil min minnhom jagħtu promozzjonijiet relattivi lill-attur; (iii) issib li l-attur ġarrab dannu minħabba dak l-għemil; (iv) tillikwida d-dannu u (v) tordna lill-imħarrkin iħallsuh id-danni hekk likwidat. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Settembru, 2010[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-18 ta' Ottubru, 2010, li biha l-imħarrkin laqgħu billi, preliminarjament, qalu li l-Prim Ministru mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi billi ma kellu x'jaqsam xejn mal-promozzjonijiet mertu tal-kawża, li saru mill-Kmandant imħarrek; talbu li l-attur jgħid dwar liema eżerċizzju ta' promozzjoni ressaq din il-kawża, ladarba jirriżulta li huwa (flimkien ma' oħrajn) kien diġà fetaħ kawża oħra dwar promozzjoni miċħuda; u li kien jonqos fl-atttur l-interess ġuridiku meħtieġ, ladarba ma kellu l-ebda jedd awtomatiku li jingħata promozzjoni. Fil-mertu, ċaħdu x-xiljiet attriċi u qalu li l-aġir tagħhom jaqbel ma' dak li titlob il-liġi. Saħqu li t-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu billi ma hemm ebda ksur kif allegat mill-attur; il-Qorti m'għandhiex is-setgħa taffettwa promozzjonijiet; u bl-aġir tagħhom huma ma kkawżaw ebda dannu lill-attur;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta' Jannar, 2011[3], fejn fid-dawl tal-kjarifika mill-attur, l-imħarrkin ċedew it-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa minnhom;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2011, fejn ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' April, 2011[4], li bih laqgħet it-talba tal-attur għall-produzzjoni ta' dokumenti marbuta ma' promozzjonijiet mogħtija lil terzi u li jaffettwaw il-mertu tal-kawża u ż-żamma b'aċċess limitat tagħhom taħt is-setgħa tal-Qorti;

[1] Fi protest ġudizzjarju li ressaq qabel fetaħ il-kawża, l-attur semma li huwa kien qiegħed jilmenta min-nuqqas ta' għoti ta' kummissjoni fl-eżerċizzju ta' promozzjonijiet li sar f'Marzu tal-2010
[2] Paġġ. 44 sa 45 tal-proċess
[3] Paġ. 73 tal-proċess
[4] Paġ. 144 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2011[5], li bih, għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-talba tal-imħarrkin biex tħassar id-degriet tagħha tas-6 ta' April, 2011, '*contrario imperio*';

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Mejju, 2012[6], li bih, għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-talba tal-attur tas-17 ta' April, 2012[7], għal produzzjoni ta' aktar dokumenti;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Lulju, 2012[8], li bih laqgħet it-talba tal-imħarrkin tat-30 ta' April, 2012[9], biex iressqu eċċezzjoni preliminari ulterjuri marbuta man-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur;

Rat it-Tweġiba Maħlufa Ulterjuri tal-imħarrkin tat-28 ta' Settembru, 2012[10], li biha eċipew in-nuqqas ta' interess ġuridiku meħtieġ fl-attur biex jissokta b'din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Lulju, 2013[11], li bih ordnat bidla fl-'okkju' tal-kawża;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u d-dokumenti mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-22 ta' Mejju, 2014[12], li bih ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin tat-18 ta' Ġunju, 2014[13];

Rat in-Nota tal-Sottomissjonijiet tal-attur tad-29 ta' Lulju, 2014[14], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għad-deċijoni dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrkin tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur;

---

[5] Paġ. 165 tal-proċess
[6] Paġ. 316 tal-proċess
[7] Paġġ. 313 – 4 tal-proċess
[8] Paġ. 336 tal-proċess
[9] Paġġ. 321 – 2 tal-proċess
[10] Paġ. 345 tal-proċess
[11] Paġ. 460 tal-proċess
[12] Paġ. 495 tal-proċess
[13] Paġġ. 496 sa 505 tal-proċess
[14] Paġġ. 507 sa 511 tal-proċess

## *Ikkonsidrat:*

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilmenta mill-mod kif ingħataw kummissjonijiet lil numru ta' rġiel fl-armata għall-grad ta' fizzjal li jew ma kinux kwalifikati daqsu jew kellhom anzjanità anqas minnu. Jgħid li hu kien jistħoqlu jingħata l-kariga ta' fizzjal iżda ġie mċaħħad minnha. Jilmenta li ma ngħata ebda raġuni tajba mill-awtorità konċernata biex tfissirlu għaliex inqabeż u jitlob li l-Qorti ssib li l-aġir tal-awtorità' kien wieħed abbużiv. Jitlob ukoll li l-Qorti tordna li jingħata l-promozzjoni u li jingħata kumpens għad-danni li ġarrab;

Illi l-imħarrkin, min naħa l-oħra, laqgħu billi, preliminarjament, qalu li l-Prim Ministru mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi billi ma kellu x'jaqsam xejn mal-promozzjonijiet mertu tal-kawża, li saru mill-Kmandant imħarrek; talbu li l-attur jgħid dwar liema eżerċizzju ta' promozzjoni ressaq din il-kawża, ladarba jirriżulta li huwa (flimkien ma' oħrajn) kien diġà fetaħ kawża oħra dwar promozzjoni miċħuda; u li kien jonqos fl-atttur l-interess ġuridiku meħtieġ, ladarba ma kellu l-ebda jedd awtomatiku li jingħata promozzjoni. Fil-mertu, ċaħdu x-xiljiet attriċi u qalu li l-aġir tagħhom jaqbel ma' dak li titlob il-liġi. Saħqu li t-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu billi ma hemm ebda ksur kif allegat mill-attur; il-Qorti m'għandhiex is-setgħa taffettwa promozzjonijiet; u bl-aġir tagħhom huma ma kkawżaw ebda dannu lill-attur. Aktar 'il quddiem ressqu eċċezzjoni ulterjuri biex jgħidu li kien jonqos l-interess ġuridiku fl-attur wkoll għal fatt li ma kienx għadu fil-Forzi Armati ta' Malta u għaldaqstant ma setax aktar jikseb promozzjoni jew aħjar kummissjoni, kif ukoll ma hemm ebda kwestjoni ta' danni x'tiġi kkonsidrata u wisq anqas likwidata ladarba l-kariga ta' fizzjal fiha nnifisha hija waħda transitorja li ma twassla għal ebda bidla jew żieda finanzjarja;

Illi l-imħarrkin irtiraw it-tieni eċċezzjoni preliminari, wara li l-attur fisser li l-azzjoni tiegħu tallum kienet titkellem dwar eżerċizzju ta' promozzjoni ieħor minn dak li huwa w oħrajn kienu fetħu kawża oħra dwaru quddiem din il-Qorti[15];

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta l-attur daħal iservi fil-Forzi Armati ta' Malta (AFM) fl-24 ta' Lulju, 1985[16]. Dakinhar li fetaħ il-kawża, kien jokkupa l-kariga ta' *Warrant Officer Grade 1* mar-Raba' Riġment fl-AFM;

---

[15] Rik. Nru. 682/07AF maqtugħa fil-21.3.2019 (appellata)
[16] Dok "NX", f'paġ. 78 tal-proċess

Illi f'Awwissu tal-2009[17], daħlu fis-seħħ linji-gwida ġodda dwar il-mod kif kellha ssir l-evalwazzjoni ('*assessment*') ta' rġiel fl-AFM (sal-kariga ta' *Warrant Officer Class 1*)[18]. L-attur ġie assessjat[19] u kiseb marka li kien kuntent biha. Aktar tard irriżulta li l-uffiċjal inkarigat mill-*assessment* tiegħu, naqas li jieħu qies ta' passi dixxiplinarji li kienu ttieħdu kontra l-attur f'April tal-2007, meta l-attur kien mal-Iskwarda Marittima. F'Settembru nstab ħati u qala' ċanfira minħabba n-nuqqasijiet li kien mixli bihom. Dan ġab miegħu l-konsegwenza li fil-'*file*' tiegħu ddaħħlet "*regimental entry*" li hija rimarka li tibqa' mniżżla fl-istess *file* sakemm il-persuna tirtira mill-AFM[20]. Dan wassal biex l-*assessment* tal-attur jiġi rivedut u tnaqqsulu xi marki. L-attur ma ġiex mgħarraf b'dan[21]. Jirriżulta wkoll li kien hemm passi dixxiplinari oħra miftuħa kontra l-attur[22]. Minħabba dan, isem l-attur ma ġiex imressaq mill-*Commanding Officer* għall-kummissjoni fil-grad ta' fizzjal quddiem l-*Army Promotions Board*[23], u filwaqt li r-rakkomandazzjoni mill-*Commanding Officer* fir-rigward ta' rġiel oħrajn intlaqgħet u ngħataw il-kariga ta' fizzjal, l-attur inżamm fil-kariga li kellu[24];

Illi l-attur ma qabilx ma' din id-deċiżjoni u f'Marzu tal-2010, ressaq l-ilmenti tiegħu[25]. F'laqgħa li kellu mal-Brigadier f'Awwissu 2010[26], ġie mgħarraf li, minħabba l-imsemmija passi dixxiplinari, id-deċiżjoni tal-*Commanding Officer* ma kinetx ser tinbidel;

Illi jirriżulta li l-mogħdija b'kummissjoni bejn l-ogħla kariga ta' raġel fl-AFM (*WO1*) għall-grad ta' logutenent, fiż-żmien mertu ta' din il-kawża, ma kinitx iġġib magħha żieda fis-salarju[27];

Illi fit-3 ta' Settembru, 2010[28], l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin li fih talabhom jieħdu "dawk ir-rimedji kollha ħalli jingħata l-promozzjoni xierqa". Billi l-qagħda baqgħet ma nbidlitx, fl-14 ta' Settembru, 2010, infetħet din il-kawża;

Illi fis-26 ta' Jannar, 2011[29], l-attur irtira mis-servizz mill-Forzi Armati ta' Malta malli laħaq l-età tal-irtirar;

---

[17] Dok. "C" f'paġ. 10 tal-proċess
[18] Imsejħa s-*Soldier's Career Handbook* Dok "Ċ", f'paġġ. 10 sa 38 tal-proċess
[19] Dok. "CPZ" f'paġġ. 194 sa 204 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Kaptan Joseph Pisani f'paġ. 216 tal-proċess
[20] Xhieda Kur. Martin Bondin f'paġġ 268 – 9 tal-proċess
[21] Xhieda Kapt. Joseph Pisani f'paġ. 218 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda ta' Kur. Martin Bondin f'paġ. 231 tal-proċess
[23] *Ibid.* f'paġ. 292 tal-proċess u dik tal-Brigadier Martin Xuereb f'paġġ. 304 – 5 tal-proċess
[24] Dok. "A" f'paġġ. 7 sa 8 tal-proċess
[25] Ara Dok. "B" f'paġ. 9 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Spiteri f'paġġ. 99 sa 100 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda tal-Brigadier Martin Xuereb f'paġ. 303 u 309 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 494 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "JM1" f'paġ. 486 tal-proċess
[28] Dok "CPA", f'paġġ. 55 – 7 tal-proċess
[29] Ara Dok. "CMX1" f'paġġ. 483 – 4 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tqis huma marbuta mat-tqanqil tal-eċċezzjoni ulterjuri tan-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur li jkompli jmexxi 'l quddiem din il-kawża;

Illi l-imħarrkin jgħidu li fl-attur nieqes l-interess ġuridiku għaliex m'għadux membru tal-Forzi Armati ta' Malta. Jgħidu li l-Qorti ma tistax tqis ebda waħda mit-talbiet attriċi billi (1) l-attur ma jistax jikseb aktar il-promozzjoni jew aħjar il-kummissjoni li qed jitlob; (2) ma hemm ebda kwestjoni ta' danni x'tiġi kkonsidrata u wisq anqas danni x'jiġi likwidat ladarba l-kariga ta' logutenent bħala fizzjal fiha nnifisha ma kienet iġġib magħha l-ebda żjieda jew titjib fid-dħul li kellu l-attur fil-grad ta' *Warrant Officer 1* li bih għalaq is-servizz tiegħu mal-AFM. Jistrieħu wkoll fuq l-istqarrija tal-attur meta xehed, għal darba tnejn, li huwa fetaħ il-kawża "*għal pride li xtaqt nilħaq Lieutenant*"[30];

Illi l-attur jargumenta li l-interess huwa purament personali u ndividwali għalih, u li qed jitlob huwa li titneħħa l-inġustizzja li saret miegħu meta ma saritx ir-rakkomandazzjoni li jingħata l-kummissjoni għall-grad ta' fizzjal. Jisħaq li l-fatt li rtira mill-AFM ma jaffetwalux il-jedd li huwa għandu biex jissokta b'din l-azzjoni;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett jew personali, leġittimu, kif ukoll attwali[31]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[32];

Illi huwa magħruf li l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissbbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[33];

Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min jeżerċita l-jedd[34], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[35]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi

---

[30] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġġ. 493 u 494 tal-proċess
[31] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[32] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[33] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[34] Ara App Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manché vs Montebello*** (Kollez. Vol. **XXXVII.i.56**)
[35] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manché vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)

ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[36];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalità tal-interess tal-attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa fil-kawża[37];

Illi ġie stabbilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża[38], u għalhekk il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[39];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[40], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[41];

Illi l-Qrati tagħna saħansitra taw deċiżjonijiet fis-sens li persuna għandha interess li tigi msejħa fil-kawża (koattivament) anke fejn la tista' tirbaħ il-kawża u lanqas tista' tiġi kundannata, imma biss għaliex il-kwestjoni tirrigwarda jeddijiet tagħha u għall-integrità tal-ġudizzju[42];

Illi l-għan tal-azzjoni tallum huwa li l-Qorti ssib li d-deċiżjoni li ħadu l-imħarrkin, jew min minnhom, li ma jikkonsidrawx lill-attur għal promozzjoni jew kummissjoni ma kinetx waħda tajba. L-attur jitlob li din id-deċiżjoni titħassar, li jingħata l-promozzjoni u jiġi kumpensat ta' dak li tilef jew ġarrab bħala danni. Jidher li l-eċċezzjoni ulterjuri tqajmet għall-ewwel minħabba li l-attur irtira mill-AFM ftit żmien biss (madwar erba' xhur) wara li fetaħ il-kawża. Madankollu, l-imħarrkin siltu mix-xhieda mogħtija minnu li l-għan li għalih fetaħ il-kawża kien għaliex kien ikun għajn ta' kburija li jista' jgħid li temm is-servizz tiegħu minn mal-AFM fi grad kummissjonat ta' fizzjal;

Illi fil-qafas tat-talbiet magħmulin minnu fil-kawża tiegħu, ladarba l-attur m'għadux membru tal-AFM, ma hemmx dubju li l-element tal-attwalità tal-interess ġiet fix-xejn. Il-Qorti tqis li dan il-fatt imur lil hinn minn kull sentiment jew xewqa oħra li l-attur seta' kellu għaliex il-Qorti mhix f'qagħda li

[36] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[37] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[38] Ara App Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[39] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs. Michael Debono et*** (mhix pubblikata)
[40] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[41] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[42] App. Inf. **18.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Fava*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.1110**)

tagħtih ebda rimedju jekk mhux biex tistħarreġ is-siwi tal-għemil amministrattiv li huwa jilminta minnu u tħassru jekk issib li għandu raġun;

Illi għar-rigward it-tieni talba, il-Qorti żżid tgħid li meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[43]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorità pubblika li tkun li, meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet tagħha jkunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

Illi madankollu, lanqas jista' jingħad li l-attwalità tal-interess fl-attur baqgħet fis-seħħ minħabba t-talbiet l-oħrajn (dawk li jitolbu d-danni), għaliex ħareġ ċar mill-provi li, wkoll kieku f'dik is-sena partikolari, huwa kien jistħoqqlu jingħata l-kummissjoni għall-grad ta' fizzjal (logutenent), ma kien se jkollu l-ebda żjieda fid-dħul tiegħu. Kieku kien hemm titjib f'dak id-dħul, dan kien ikun irid jitqies fil-kejl tad-dannu mġarrab għall-għanijiet ta' pensjoni li kien intitolat għaliha malli rtira;

Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll is-sottomissjoni tal-imħarrkin li x-xhieda tal-attur tista' tagħti ħjiel li lanqas fil-waqt li fetaħ il-kawża ma kellu l-interess ġuridiku biex iressaqha. Jekk l-għan li għalih fetaħ din il-kawża kien tabilħaqq dak li ried li jsir ħaqq miegħu biex ikun jista' jgħid li temm is-servizz tiegħu bħala fizzjal, din il-Qorti wkoll tara li l-interess lanqas fil-bidu tal-kawża ma kien jeżisti[44];

Illi wara li qieset dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ssib li fl-attur huwa nieqes l-interess meħtieġ biex ikompli jmexxi l-kawża 'l quddiem;

Illi għaldaqstant sejra tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrkin għaliex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[43] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***
[44] Ara P.A. AE **26.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Josanne Schiavone vs Rev. Soru Claudia Żammit noe et*** (mhix appellata)

**Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrkin** bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li jonqos fl-attur l-interess meħtieġ biex jibqa' jmexxi 'l quddiem il-każ tiegħu; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ġunju, 2020**